**KunsillLokali –ISLA– Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 16

18 **ta' Ġunju 2020**

Il-Kunsilli Lokali Isla Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, fil- 5:30pm.

**PREŻENTI:**

Clive Pulis - Sindku
Anthony Bonavia - Viċi Sindku
Joline Attard - Kunsilliera
Malcolm Gatt - Kunsillier
Corinne Buhagiar - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 16 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **16.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Ma kienx hemm. |
| **16.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 16.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 14 tqassmet lill-kunsilliera permezz ta' imejl u s-segretarju eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li min irrid kopja stampata jinforma lis-segretarju eżekuttiv u tistampalu kopja. Il-minuti mhux qed jiġu stampati għall kull kunsilliera sabiex il-kunsill lokali tal-Isla jieħu ħsieb aktar l-ambjent. Il-Kunsilliera qablu dwar dan. |
| 16.2.2 | Il-Kunsilliera preżenti irċievew il-minuti tas-Seduta Numru 14, fejn ma kienx hemm korrezzjoni. Il-Minuti numru 14 ġew approvati mil-kunsilliera Joline Attard u ġew issekondti mil-kunsillier is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| 16.2.3 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 15 tqassmet lill-kunsilliera permezz ta' imejl u s-segretarju eżekuttiv infurmat lil kunsilliera li min irrid kopja stampata jinforma lis-segretarju eżekuttiv u tistampalu kopja. Il-minuti mhux qed jiġu stampati għall kull kunsilliera sabiex il-kunsill lokali tal-Isla jieħu ħsieb aktar l-ambjent. Il-Kunsilliera qablu dwar dan. |
| 16.2.4 | Il-Kunsilliera preżenti irċievew il-minuti tas-Seduta Numru 15, fejn ma kienx hemm korrezzjoni. Il-Minuti numru 15 ġew approvati mil-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar u ġew issekondti mil-kunsillier is-Sur Malcolm Gatt. |
| **16.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 16.03.01 | Is-.Sindku informa lil kunsilliera preżenti li fit- 8 ta' Ġunju 2020 saret laqgħa onlajn dwar *healthy city* fejn l-Isla hija proġett pilota biex aktar nippromwovu l-mixi u l-użu tar-rota u kemm jista jkun iċ-ċittadin jagħżel aktar li ma jintużawx il-karozzi sabiex nibżgħu għal ambjent u għas-saħħa tal-bniedem. Ser ikun hemm konferenza fis-16 – 18 ta' Ġunju 2020 dwar dan is-suġġett. <br><br> . |
| 16.03.02 | Iis-Sindku ikkomunka mal-kunsilliera preżenti dwar imejl loi intbgħatet mis-Sur Michael Salone fejn qed jissuġġerixi li ssir cctv camera fi Triq l-Arkati mat-taraġ għal –Triq is-Sirena minnħabba abbużżi. Il-Kunsilliera qablu li għal din is-sena il-budget dwar il-cctv ġie diskuss u din terġa tiġi diskussa f'budget ieħor. |

| | |
|---|---|
| 16.03.03 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-għaqda Senglea Youngsters jixtiequ li jaghmlu BBQ fil-Gardjola 11 ta' Lulju 2020. Il-Kunsilliera qablu dwar din l-attivita.<br>. |
| 16.03.04 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera preżenti li s-Sur Christina bagħat imejl sabiex issir il-kliem taħt il-bust ta Vitorin Galea, din kienet diskuss f'laqgħat tas-sena l-oħra u ma kienx sar peress li kienn hemm xogħol li qed issir fil-gardjola imbgaħad inalqgħet minħabba l-Covid għalhekk is-Sur Christina reġa' ċempel sabiex ikun jaf meta dan il-kliem ta' taħt dan il-bust ser issir. Is-sindku flimkien mal-kunsilliera qablu li dan għandu jsir u jitqabbad xi kumpanija sabiex jerġgħu issiru l-kliem taħt il-Bust ta' Vittorin Galea. |
| 16.03.05 | Is-Segretarju Eżekuttiv iddiskutiet mal-kunsilliera preżenti f'hix waslu il-kuntratti bis-sistema tal-EPPS :<br><br>*SUPPLY, INSTALLATION AND COMMISSIONING OF OUTDOOR GYM EQUIPMENT AND OUTDOOR FURNITURE*<br><br>Ir-Rapport ta-evalwazzjoni lest fid-9 ta Ġunju – sabiex il-kunsill japprova dan il-kuntratt għalhekk ser jintbgħatu l-ittri ( awarded & rejected letters ). Il-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia approva u il-kunsillier is-Sur Malcolm Gatt is-sekkonda dan ir-rapport ta'evalwazzjoni fejn kien il-Projekte li kienet l-irħas offerta.<br><br>*Tender for Street Sweeping and Community Cleansing in an environmentally friendly manner for the Isla Local Council (Status: Evaluation)*<br><br>– it-Tielet laqgħa mal-evalwaturi kienet fil-15 ta' Ġunju 2020 fejn l-evalwaturi talbu l-kjarifika tal-firmatari ( Power of Attorney Signatures ) ta' Proof Reading<br><br>*Service Tender For The Collection Of Household Waste From The Locality of L-Isla, Using Low Emission Vehicles - RE-ISSUE (Status: Evaluation)*<br><br>Il-Laqgħa tal-Evalwazzjoni ser issir fid-19 ta' Ġunju 2020 fis-1,30 pm onlajn. |

| | |
|---|---|
| | *Services of a Contracts Manager for the Isla Local Council:*<br><br>Il-Kuntratt tal-Contracts Manager ġie evalwat u<br><br>Renergy Ltd huwa l-kuntrattur li intagħżel mil-bord wara li kellu kollox kif mitlub mil-kuntratt u kienet l-irħas offerta.<br><br>Il-kuntrat tal-Bulky Refuse , is-segretarju eżekuttiv reġgħet fakkret lil operatur tal-EPPS sabiex jaħdem dan il-kuntratt għat-tielet darba sabiex il-kuntraatti jkunu kollha kif suppost jekk dan l-operatur jibqa ma jaħdimx din it-tender tirrikori għal operatur ieħor. |
| 16.03.06 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet imejl minn għand is-Sinj Petia Zasheva fejn qed tintalab laqgħa dwar il-proġġet : Once Upon a Time bejn l-20-23 ta' Settembru 2020 sabiex jiġu l-imsieħba ta' dan il-proġett mill-pajjiez tal-Italja u l-Kroazja, fejn din il-laqgħa ser tkun fir-Rabat Malta.<br><br>Is-Sinj. Petia Zacheva ser tlaqqa' lil-Onor. Jose Herrera Ministru tal-Kultura u Kunsilli u lil- Onor. Dr. Owen Bonnici Ministru tal-Edukazzjoni flimkien ma Dr. Scerri Ferrante konsulent tal-Kroazja fit-2 ta' Lulju 2020 sabiex ikunu infurmati bil-proġett li qed jaħden fuqu l-Kunsill Lokali tal-Isla kemm għall-kultura u għall-edukazzjoni. |
| 16.03.07 | Is-Sindku ikkomunika mal- Kunsilliera , li s-Sur Dylan Xuereb<br><br>jixtieq jagħmel attivita Is-Sibt 18 ta' Lulju fil-Ġnien tal-Gardjola li wara ser ikun qiegħed jagħmel il-filmat tiegħu fuq il-Paġna ta' Facebook dan is-sinjur diġa għamel f' ċertu postijiet pero din id-darba jixtieq jaghmel aktar reklam fl-Isla stess apparti li huwa Senglean. Il-Kunsilliera flimkien mas-sindku qablu li għandu jġib permess minn għand il-Puluzija |
| 16.03.08 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera li fit-28 ta' Mejju saret laqgħa mas-Sur Lewis Caruana dwar it-tpenġija tax-xatt fejn ser isir l-open gym u fejn l-enchante sabiex jara x' jista jsir. Tkellimna li biex terġa isir l-istess pittura l-aħjar tinħadem fuq l-injam Marine plywood sabiex isservi aktar u l-injam għandu jiġi miżbugħ minn qabel u isir ix-xogħol fuq il-ġebla minħabba l-ilma tax-xita. Il-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia jaqbel li issir fuq l-injam imma tinżamm l-istess pittura ħalli iżżid xi ħaġa oħra, il-kunsilliera qablu mas-suġġeriment tal-viċi sindku għalhekk irridu jintalbu kwotazzjonijiet għal din il-pittura. |
| 16.03.09 | Is-Sindku flimkien mas-segretarju eżekuttiv fid-29 ta' Mejju 2020 iltaqgħu mas-Sinj. Nathalie Farrugia fuq Project jismgħu Opportunity Knocks dwar żgħażagħ li għandhom l-eta ta' bejn 13 sa 25 sena. Biex jieħdu kors għal programm li ikunu jixtiequ jagħmlu għal futur tagħhom. |

| | |
|---|---|
| | |
| 16.03.10 | Is-Sindku talab lis-segretarju eżekuttiv tibgħat imejl lil Perit rigward triq il-Kunċizzjoni biex isiru sinjali taż-żebgħa forsi tkun lesta min kollox. |
| 16.03.11 | Is-Sindku talab lis-segretarju eżekuttiv għal rapport minn safety officer sabiex isir risk assesment ġewwa l- Gardjola. |
| 16.03.12 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera li fit-30 ta' Mejju 2020 kellu laqgħa mas-surġent ħabba l-Ground tal-Ponta. Wara li intbgħatet sejħa u kien hemm is-Sur Gelnn Bonello u s-Sur Gary Inguanez li kienu interessati intbgħat kuntratt bl-avukat iżda dawn ma qablux ma ċertu punti għalhekk is-sindku stidienhom sabiex jiddiskutu dawn il-punti qabel il-laqgħa tal-kunsill iżda dawn baqgħu ma ġewx. Is-Sur Malcolm Gatt qed jipproponi li issir boat yard u b'hekk ikun hemm introjtu għall-kunsill, is-segretarju eżekuttiv trid tiċċekja mal-lands dwar il-kuntratt tal-użu ta' l-art, il-kunsill qed jproponi li jibgħat lil Heritage sabiex jingħalaq bil-bricks minnħabba sigurta'. |
| 16.03.13 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera li fit-3 ta' Ġunju bagħat imejl lil Perit Albert Spiteri ħabba triq is-Sur sabiex jitkompla ix-xogħol. Ir-risposta li kellu kienet li qiegħed isir xogħol tal-WSC u wara jinforma lil kunsill ħabba No Parking u jitkompla xogħol. |
| 16.03.14 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti li fl- 4 ta' Ġunju 2020 saret laqgħa tar-Reġjun rigward il-problema tal-iskart reċiklabli fejn talbu li kunsilli lokali jaħdmu mar-reġjun fuq din il-problema. Il-Kunsilliera flimkien mas-sindku qablu li peress li l-lokalita tal-Isla żgħira u qed insibu diffikulta sabiex ikun hemm kuntrattur li jaħdem fuq l-iskart reċiklabli ikun ta' vantaġġ li l-lokalita' tal-Isla tissieħeb mar-Reġjun. |
| 16.03.15 | Is-Sindku irċieva suġġeriment minn għand il-Kunsillier is-Sur *Malcolm Gatt sabiex issir BYE-LAW* DWAR KONSUM TAL-ALKOĦOL F'POSTIJIET PUBBLIĊI fil-Lokalita tal-Isla. Il-Kunsilliera qablu dwar dan għalhekk is-segretarju Eżekuttiv ser titkellem ma l-avukat sabiex jaħdmu fuq din il-Bye Law u tintbgħat lid-dipartiment għall-Gvern Lokali. |

| | |
|---|---|
| 16.03.16 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti li saret laqgħa fuq il-post ma l-Ing is-Sur Pierre Cassar minnħabba l-problema li hemm fil-garaxx tax-xatt. Is-Sur Cassar bagħat il-ħaddiema bil-cameras u wara li saru l-inspezzjonijiet bil-cameras reġa' tkellem mas-sindku li hemm problema kbira fit-taraġ u jrid jinqala kollox u jsir kollox mil-ġdid. Il-persuna li għandu l-garaxx ser jisma' minn għand l- inġinier is-Sur Pierre Cassar. |
| 16.03.17 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li kellu laqgħa mas-Sur Mark Grech f isem Palumbo u s-Sur Pavlos Buhagiar mit-Transport Malta fejn tkellimna bil-problema tal-bowsers forsi jibdew jgħaddu min kordin pero dan ma jistax issir minħabba li huwa tal-privat u ma jistgħux ikunu ta' għajnuna għal dan is servizz.<br><br>Fix-xatt hekk nistgħu nagħmlu tabelli tas-sinjali b' 30 u forsi nagħmluh jidħlu biss u tigi one way joħorġu biss bowsers sa kemm titlesta l-proġett ta' slow streets.<br><br>Is- Sindku informa lil kunsilliera preżenti li saret laqgħa fuq il-post mas-sur Aldo Pace minħabba l-problemi tax xatt fejn miegħu kien hemm ukoll is-Sur Domnic Attard li ser jagħmlu rapport fuq it-tabelli ta' traffic u jiddiskutu dwar id-dwal tal-Gardjola u tal-Hadid. |
| 16.03.18 | Is-Sindku informa lil-kunsilliera li saret laqgħa mal-Ministru Ian Borg u l-Ministru Chris Agius dwar Triq il-Vitorja fejn kien hemm presenti s-Sur Azzopardi u wara baghat lis-Sur Antoine Vella mil- Infrastructure Malta fuq il-post sabiex jaraw jekk jistax isir mal-Proġett 170 jew mal-fondi ta wara. |
| 16.03.19 | Is-Sindku informa li fil-15 u is-16 ta' Awwissu ser isir Paegent on the sea sabiex jutilżaw il-Ġnien tal-Gardjola. |
| 16.03.20 | Is-Sindku iddiskuta mal-kunsilliera li kellu laqgha mas-Sinj. Graziella Montebello dwar Musical tal-Bambina li ser isir fil-21u fit- 22 t' Awwissu 2020 dramm fuq il-wasla tal-bambina f' boiler Wharf, is-sindku bagħtilhom il-kuntatti ta' Transport Malta. |
| 16.03.21 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet imel lil kunsilliera dwar BBQ li ser isir nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Lulju ġewwa l-lukanda Salini Resort, Qawra. Ser ikun jista' jsir użu tal-pool bejn il-17:00 u 20:00 u fit-20:30 jibda l-ikel. Dħul huwa b' xejn kif ukoll l-ikel. Il-Kunsilliera kollha huma interessati. |

| | |
|---|---|
| 16.03.22 | Is-Segretarju Eżekuttiv resqgħet imejl dwar roadshow truck tal-wasterserv minn Lujlu ser jerġa jibda jaħdem normali mit- 8:00am sa 12:00. |
| **16.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 16.4.1 | Is-Sindku / Segretarju Ezekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Guzepp<br>Isla<br><br>Jien Anthony Bonavia nixtieq inressaq dawn il-mistoqsijiet għall attenzjoni tas-sindku u tas- segretarju eżekuttiv :<br><br>Nistgħu nagħamlu Sleeping Police bejn il-Gabbana D' Breeze u l-kantunira Triq Sant Anna fix-xatt?<br><br>Nistgħu nagħmlu Sleeping Police fejn tal-ħaxix fi triq iż-Żewġ Mini minħabba speed tal-karrozzi?<br><br>Il-Kunsill ser jerġa' jkellem lil Transport Malta għall Traffic Management.<br><br>Pajp tad-dawl li jitla' mas-siġra quddiem Dar Sant Anna qed joqtol is-siġra sabiex titieħed azzjoni.<br><br>Il-Kunsill bagħat rapport lil ERA sabiex jinvestigaw il-ħsara.<br><br>Jista' l-kunsill jibgħat lil tal-Cleansing sabiex jinqata' is-selluma ta' quddiem il-gabbana D Breeze għax qiegħed perikoluż.<br><br>Iva il-kunsill għamel kuntatt mal-cleansing sabiex jitneħħa dan is-sellum.<br><br>Jista l-kunsill ibiddel dawn il-bins tal-ponta għax issa koroh u mhux tajbin ?<br><br>Dawn ser jieħdu ħsiebhom tal-MTIP għax aktarx ser jinbiddlu.<br><br>Fi triq il-Ponta nistgħu nagħmlu bozza ?<br><br>Trid issir applikazjoni mal-ARMS<br><br>U nistgħu nagħmlu żewġ bankijiet milli qlajna mil-gardola ? |

| | |
|---|---|
| | Il-Kunsill waħħal il-bankijiet fi Triq il-Ponta illum 16 ta' Ġunju 2020, iżda hemm xi residenti li dawn ma jriduhomx għax diġa hemm storbju mingħajr bankijiet aħseb u ara jekk ikun hemm dawn il-bankijiet. Il-Kunsilliera Joline Attard semmat ir-recording lil kunsill kollu bil-permezz tar-resident. Din ser tiġi iċċekjata mal-lands għaliex jekk din hija tal-privat ma jistax issiru bankijiet. |
| **16.5** | **Rapporti** |
| | Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda rapport tal-*Purchase Order* għax-xahar ta' Mejju 2020 u l-Petty Cash għax-xahar ta' Mejju 2020 fejn ġew approvati mill-kunsillier Malcolm Gatt u s-sekondat mil-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia. |
| **16.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 16.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill skeda ta' pagamenti, skeda Nru 6/ 2020 għall-approvazzjoni. |
| 16.6.2 | Fuq mozzjoni tal-Kunsilliera is-Sinj. Joline Attard issekondata mill-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar approvaw il-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| **16.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 16.07.1 | Is-Seduta ntemmet fis-7:00p.m. wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 16 ta' Lulju 2020 fil-5:30p.m |

Konfermati, illum 16 ta' Lulju 2020

IFFIRMATA____________
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATA__________
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv